Konferma tar-riċevuta ta' lment multiplu dwar allegat ksur tar-regoli tal-UE dwar is-suċċessjoni minn Franza (ir-Regolament Nru 650/2012)

Numru ta' referenza: CHAP(2022)03325

Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet bosta lmenti dwar l-Artikolu 913(3) tal-Kodiċi Ċivili Franċiż. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta bil-Liġi Nru 2021-1109 tal-24 ta' Awwissu 2021 li ssaħħaħ il-konformità mal-prinċipji tar-Repubblika. Id-dispożizzjoni hija fformulata kif ġej:

"Meta d-deċedut jew mill-inqas wieħed minn uliedu jkun, fil-mument tal-mewt, ikun ċittadin jew resident abitwali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u meta l-liġi barranija applikabbli għas-suċċessjoni ma tkun tippermetti l-ebda mekkaniżmu ta' sehem riżervat għall-protezzjoni tal-ulied, kull wild jew il-werrieta jew is-suċċessuri tiegħu jistgħu jitolbu kumpens fuq il-beni eżistenti li jkunu jinsabu fi Franza fil-jum tal-mewt, sabiex jiġu ristabbiliti d-drittijiet ta' sehem riżervat konferiti lilhom mil-liġi Franċiża, fil-limiti ta' dawk id-drittijiet."

L-ilmentaturi jargumentaw li l-Artikolu 913(3) tal-Kodiċi Ċivili jmur kontra r-Regolament Nru 650/2012[1] u, b'mod partikolari, il-possibbiltà li persuna tagħżel il-liġi nazzjonali tagħha bħala l-liġi li tirregola s-suċċessjoni tagħha fl-intier tagħha.

Il-Kummissjoni daħħlet dawn l-ilmenti fir-reġistru ċentrali tal-ilmenti bin-numru ta' referenza CHAP(2022)03325. Tista' tibgħat informazzjoni addizzjonali dwar l-ilment tiegħek f'dan l-indirizz tal-posta elettronika, filwaqt li tikkwota n-numru ta' referenza msemmi iktar 'il fuq.

Minħabba l-għadd sinifikanti ta' lmenti li rċeviet dwar dan is-suġġett u bil-ħsieb li twieġeb malajr u tinforma lil dawk ikkonċernati kif ukoll minħabba li jista' jkun hemm interess pubbliku usa' fil-kwistjoni li qajmu l-ilmentaturi, il-Kummissjoni qed tippubblika din il-konferma tar-riċevuta fuq il-paġna ddedikata għal hekk fis-sit Europa. L-ilmentaturi se jiġu infurmati, mill-istess mezzi ta' informazzjoni, bir-riżultati tal-eżami tal-Kummissjoni ta' dawn l-ilmenti u bl-azzjoni ulterjuri li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tieħu.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jeżaminaw l-ilment fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni Ewropea applikabbli u f'konformità mal-prijoritajiet tal-infurzar stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar".

Ta' min jinnota li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li taġixxi b'konsegwenza tal-ilment tiegħek, inkluż billi tiftaħ proċedura ta' ksur formali, l-għan ġenerali tagħha jkun li tiżgura li l-liġijiet tal-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt tal-UE u li jkunu applikati sew. Għaldaqstant jista' jkun li l-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma ssolvix is-sitwazzjoni speċifika u individwali tiegħek. Biex tikseb rimedju, inkluż kumpens jekk ikun mistħoqq, jenħtieġ li tieħu azzjoni fil-livell nazzjonali fl-Istat Membru kkonċernat. Il-preżentazzjoni ta' lment lill-Kummissjoni ma tissospendix iż-żmien tal-preskrizzjoni biex tinfetaħ kawża skont il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiddeċiedi, fit-tħaddim tad-diskrezzjoni tagħha, li ma tiftaħx proċeduri formali ta' ksur, anki jekk tqis li seħħ ksur tad-dritt tal-UE.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jittrattaw l-ilment tiegħek b'mod kunfidenzjali awtomatikament. Huwa biss fil-każ li l-ilmentatur ikun għażel trattament mhux kunfidenzjali, li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistgħu jiddivulgaw l-identità jew kull informazzjoni ppreżentata mill-ilmentatur, lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li l-ilment ikun sar kontrih. L-iżvelar tal-identità tal-ilmentatur mid-dipartimenti tal-Kummissjoni jista' f'xi każijiet ikun indispensabbli għat-trattament tal-ilment.

L-Istqarrija ta' privatezza speċifika tapplika fir-rigward tat-trattament tal-ilmenti.